MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2004

Appell Kriminali Numru. 219/2003

**Il-Pulizija**

**vs**

**Stephen Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Stephen Spiteri talli b' diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li kisru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda u cioe`:

1 talli bejn il-11 ta'Ottubru 2002 u t-18 ta' Ottubru 2002 gewwa tal-Pieta` volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli liema hsara hija ta' aktar minn hamsin lira Maltin

(Lm50) izda ma tiskorrix hames mitt lira Maltin (Lm500) ghad-detriment tal-Cancer Support Foundation;
2 u aktar talli fil-11 ta’ Ottubru 2002 ghall-habta tas-7.30pm gewwa tal-Pieta` hedded lil Maria Bugeja bi kliem;
3 u aktar talli fil-5 ta’ Novembru 2002 ghall-habta tat-8.10pm gewwa tal-Pieta` hedded lil John Vassallo bi kliem;
4 u aktar talli fil-5 ta’ Novembru 2002 ghall-habta tat-8.00pm gewwa tal-Pieta` qal kliem oxxen u dagha fil-pubbliku.

Il-Qorti giet mitluba li barra l-piena torbot lill-imsemmi Stephen Spiteri taht obbligu sabiex ma jimmolestax lil Maria Bugeja u John Vassallo taht penali li jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-4 ta’ Novembru 2003 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Stephen Spiteri hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta’ Lm300 u obbligatu ma jimmolestax u/jew ma jdejjaqx lil John Vassallo u/jew lil Maria Bugeja fuq penali ta’ Lm100 multa fin-nuqqas ghal zmien sena mid-data ta' dik is-sentenza;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Stephen Spiteri, minnu prezentat fl-14 ta’ Novembru, 2003 li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza fis-sens li tilliberah minn kull htija u imputazzjoni, u fin-nuqqas tvarjaha fis-sens li l-piena nflitta tigi sostitwita b'wahda anqas severa;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difiza u tal-prosekuzzjoni;

Ikkunsidrat:-

L-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa li fir-rigward tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' imputazzjonijiet huwa kellu jigi lliberat stante li dawn kienu preskritti bil-preskrizzjoni

trimestrali ai termini ta' l-artikolu 688(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dan l-aggravju. It-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet huma kontravvenzjonijiet li ghalihom tapplika l-preskrizzjoni trimestrali skond l-paragrafu (f) ta' l-artikolu 688 tal-Kodici Kriminali. Mill-atti jirrizulta li l-appellant tressaq il-Qorti akkuzat bid-diversi imputazzjonijiet addebitati lilu fil-5 ta' Gunju 2003. It-tieni imputazzjoni tirrigwarda incident li allegatament sehh fil-11 ta' Ottubru 2002, jigifieri kwazi <u>tmien xhur</u> qabel. It-tielet u r-raba' imputazzjonijiet jirrigwardaw incidenti li allegatament sehhew fil-5 ta' Novembru 2002, jigifieri <u>seba' xhur</u> qabel. Ghalhekk m'hemm l-ebda dubju li l-azzjoni fir-rigward ta' dawn it-tliet imputazzjonijiet giet preskritta u l-aggravju ta' l-appellant f'dan ir-rigward jimmerita li jigi milqugh.

Fit-tieni aggravju tieghu l-appellant bazikament jikkontendi li ma kienx hemm provi bizzejjed li a bazi taghhom l-ewwel Qorti setghet tasal ghall-konkluzjoni li hu kisser is-*CCTV camera* li kienet stallata fit-tarag ta' l-appartamenti maghrufa bhala Blackman Court, fi Triq il-Mimosa, Pieta`. Qabel xejn din il-Qorti tirreferi ghal dak li qalet din l-istess Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et** deciza fil-21 ta' Ottubru 1996:

**"Kif din il-Qorti kellha l-okkazjoni li tfisser diversi drabi, huwa principju ormai stabbilit li din il-Qorti, bhall-Qorti ta' l-Appell Kriminali meta tkun qed tisma' appelli minn gurijiet, ma tiddisturbax l-apprezzament u l-konkluzjoni dwar fatti raggunta mill-ewwel Qorti purche` li tkun sodisfatta li dik l-ewwel Qorti setghet, fuq il-provi li kellha quddiemha, <u>ragjonevolment</u> u <u>legalment</u> tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha (ara, fost ohrajn, <u>Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul</u>, App. Krim., 12 ta' Mejju, 1994; <u>Il-Pulizija v. Simon Paris</u>, App. Krim. 15 ta' Lulju, 1996)."**

Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant isostni li mill-provi prodotti ma gie stabbilit l-ebda ness bejn il-hsara

lamentata mill-kwerelanti u l-agir ta' l-appellant. Ighid li l-video esibit juri biss lill-appellant imiss il-*camera* b'idejh u f'ebda hin ma jidher li qed jikkagunalha hsara. Inoltre l-istess video m'ghandu l-ebda valur probatorju biex jitfa' xi htija fuq l-appellant, huwa video *ex parte*, u l-appellant ma kellu l-ebda kontroll fuqu jew fuq xi *editing* tieghu. Fi kwalunkwe kaz tali video juri l-kuntrarju, cioe` li fl-ebda hin ma jidher l-appellant qed ikisser l-istess *camera*. L-appellant ighid ukoll li fil-blokk appartamenti in kwistjoni jghixu persuni ohrajn li ghandhom kwistjonijiet mal-kwerelanti u ghandhom kawza civili ma' l-istess kwerelanti.

Minn ezami li din il-Qorti ghamlet tal-provi, hi sodisfatta li l-appellant m'ghandux ragun fl-ilmenti tieghu u li l-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti kienet korretta. Jinghad l-ewwelnett li l-video esibit jikkostitwixxi prova legittima bhall-provi l-ohra li ngabu mill-prosekuzzjoni. L-appellant jilmenta li ma kellux kontroll fuqu jew fuq l-*editing* tieghu. Izda, u dan il-Qorti qed tghidu wara li rat l-istess video, m'hemm xejn x'jindika li dak li jirrizulta mill-video mhuwiex prova awtentika tal-kontenut tieghu. Minnu jirrizultaw l-okkazjonijiet li fihom l-appellant miss il-*camera* in kwistjoni, kif ikkonfermat ukoll mix-xiehda ta' John Vassallo, u forsi bl-aghar incident jigri fit-18 ta' Ottubru 2002. Inoltre l-fatt li hemm kawza pendenti ma' residenti ohra fil-blokk ma jsahhahx l-argument ta' l-appellant; ghall-kuntrarju juri li haddiehor mexa skond il-ligi filwaqt li hu agixxa *de proprio* billi f'aktar minn okkazjoni wahda miss u konsegwentement gharraq *camera* li hi proprjeta` tal-Cancer Support Foundation.

Il-hsara fil-*camera* tirrizulta wkoll mill-kwotazzjoni (Dok. JV2 a fol. 35 tal-process) mahruga mis-socjeta` Castille O.A. Ltd. u kkonfermata mix-xiehda tal-*manager* ta' l-istess socjeta`, Mark Ciangura. Mix-xiehda ta' Mark Ciangura jirrizulta li l-hsara tista' tissewwa u dan, skond il-kwotazzjoni, bi spiza ta' Lm170 oltre l-VAT. Ghaldaqstant l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-appellant tirrizulta pruvata.

L-appellant ilmenta wkoll dwar il-piena. Hemm diversi konsiderazzjonijiet li jridu jsiru f'dan ir-rigward. L-ewwel konsiderazzjoni hi li, kif stabbilit aktar 'il fuq, l-azzjoni fir-rigward tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' imputazzjonijiet hi preskritta u ghalhekk l-appellant se jigi liberat minnhom. It-tieni konsiderazzjoni hi li fit-22 ta' Marzu 2004 gie pprezentat rikors minn John Vassallo bhala *parte civile* fejn informa lil din il-Qorti li kien hemm transazzjoni bejn il-partijiet u anke hlas, li m'ghandu l-ebda interess li dawn il-proceduri jkomplu fil-konfront ta' l-appellant u li jirrinunzja ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli fil-konfront ta' l-appellant. Dwar l-ewwel imputazzjoni, pero`, u cioe` l-unika imputazzjoni li dwarha se tigi kkonfermata l-htija, ma tista' ssir l-ebda rinunzja peress li fil-kaz in ezami huwa applikabbli l-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 325 tal-Kodici Kriminali[1].

Issa mis-sentenza appellata jirrizulta li l-appellant gie kkundannat ghall-hlas ta' *multa* ta' Lm300 u obbligat li "ma jimmolestax u/jew ma jdejjaqx lil John Vassallo u/jew lil Maria Bugeja fuq penali ta' Lm100 multa (*sic!*) fin-nuqqas ghal zmien sena" mid-data ta' dik is-sentenza. Mill-istess sentenza ma jirrizultax kif l-ewwel Qorti waslet biex tikkundanna lill-appellant ghall-hlas ta' *multa*. Dan qed jinghad peress li skond il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 325 tal-Kodici Kriminali, il-piena preskritta hi ta' prigunerija minn hames xhur sa sena. Inoltre galadarba l-appellant gie akkuzat b'reat kontinwat (u, ghalkemm l-ewwel Qorti ma semmietx l-artikolu relattiv, jidher li sabitu hati t'hekk ukoll), skond l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali l-piena f'dan il-kaz "tista' tizdied minn grad sa zewg gradi". Jigifieri biex l-ewwel Qorti setghet tikkundanna lill-appellant ghall-hlas ta' *multa* kellha necessarjament tapplika l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali, f'liema kaz kellha ssemmi bir-reqqa kollha fis-sentenza taghha r-ragunijiet "specjali u straordinarji" li wasluha ghal tali decizjoni. Dan l-ezercizzju pero` ma sarx. Nonostante cio`, peress li ma sarx appell mill-Avukat Generali fuq dan il-punt, din il-Qorti ma tista` taghti l-ebda provvediment f'dan ir-rigward u dak li qed tirrileva hawn qed taghmlu ghall-korrettezza legali.

[1] Huwa fil-kaz tal-paragrafi (c) u (d) li t-tieni proviso tas-subartikolu (1) jipprovdi li procedimenti jistghu jittiehdu biss bil-kwerela tal-parti offiza.

Bhalma tixtieq tirrileva wkoll li l-penali li biha rabtet lill-appellant bih mhuwiex *multa* izda, kif tghid il-ligi stess, penali, u li tali obbligazzjoni ssir a tenur ta' l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali u mhux l-artikolu 382.

F'dawn ic-cirkostanzi, u partikolarment in vista tal-fatt li l-appellant hallas lill-vittma tar-reat, din il-Qorti hi tal-fehma li huwa l-kaz li jigi applikat fil-konfront tieghu *conditional discharge* skond l-Att VII ta' l-2002 dwar il-*Probation* bl-avvertiment car li jekk fit-terminu li sejjer jigi koncess lilu huwa jikkommetti reat iehor, huwa jkun jista' jinghata sentenza wkoll ghar-reat hawn in kwistjoni; u f'tali eventwalita` m'ghandux jistenna l-klemenza tal-Qorti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel imputazzjoni, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' imputazzjonijiet u minflok tiddikjara l-azzjoni fir-rigward ta' dawn it-tliet imputazzjonijiet preskritta u minnhom tilliberah, tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannat lill-appellant ghall-hlas ta' *multa* ta' Lm300 u in kwantu obbligatu li ma jimmolestax u/jew ma jdejjaqx lil John Vassallo u/jew lil Maria Bugeja taht penali ta' Lm100 fin-nuqqas ghal zmien sena mid-data tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti, u minflok, wara li rat l-artikoli 18 u 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali, u wara li, a tenur tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 22 ta' l-Att VII ta' l-2002 dwar il-*Probation*, fissret lill-appellant bi kliem li jiftiehem sew li jekk hu jaghmel xi reat iehor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata (*conditional discharge*) li sejjer jinghata, huwa jkun jista' jinghata sentenza ghar-reat originali, qed taghmel ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata (*conditional discharge*) a tenur tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 22 ta' l-imsemmi Att ta' l-2002 dwar il-*Probation* bil-kondizzjoni li l-appellant ma jaghmilx reat iehor fi zmien hames xhur millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------